**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 555/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Nru- 2602/2014)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fit-3 ta' Marzu tas-sena 1989 gewwa Islingon Registy Office, Londra, Renju Unit (Dokument RV1) u miz zwieg taghhom huma kellhom zewgt itfal D, illi twieldet fil-31 ta' Ottubru 1991, u E, illi twieldet fl-20 ta' Novembru 1994.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Elena Farrugia fit-3 ta' Settembru 2014 (Dokument RV2) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal Ligijiet ta' Malta.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu fl-ewwel lok irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt) u fit-tieni lok kienu ikkwantifikaw il-kontribut tal-partijiet lejn il-manteniment ta' binhom Dean, (Artikolu 3). B'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. L-esponenti qeghda tannetti l-affidavit taghha (Dokument RV3)

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. A tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, u previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B gew sodisfatti, tippronunzja id-divorzju bejn il partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien indikat fl-Artikolu 66A(4) tal-istess Kapitolu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 2022;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti jwiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Settembru 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet  u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.